# ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8 – IT-TLIETA 18 TA' FRAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa It-Tlieta 18 ta' Frar 2020 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Skużati | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Assenti | Donald Cassar | Kunsillier |
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJA

1.1 Is-Sindku semma li l-Viċi Sindku kien jinsab imsiefer.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Camilleri.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku semma li dwar Triq Ħal Qormi huwa kellu laqgħa mal-Perita fejn ħadha tara s-sitwazzjoni li kienu qed jiffaċċjaw ir-residenti ta' Ħal Farruġ u fejn kien hemm bżonn xi tabelli u traffic management biex jiġi irranġat peress li dawn kienu qed jitilgħu fejn il-Lidl biex ikunu jistgħu jidħlu għall Ħal Farruġ.

3.2 Is-Sindku semma li kienu kellmuna minn naħa taċ-Ċentru tal-Anzjani għax kien hemm bżonn li jinbidel is-suffett.

3.3 Is-Sindku semma fuq kunċert li kien ser issir bħala tifkira b' risq is-Surmast Carmelo li kien ta' servizz ġewwa Ħal Luqa. Huwa qal li bix-xieraq nattendu għalih, biex nirriservaw post.

3.4 Is-Sindku semma li s-Sur. Jeffrik Zammit li kien daħal mal-Kunsill Lokali fuq work placement għandna nerġgħu ningaġġjawh mal-Kunsill Lokali taħt xi skema differenti u dan jkun jista jieħu ħsieb fuq it-tindif tal-latrina ta' Triq Dun Pawl. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

4.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-bollards li kellhom isiru. Is-Segretarju semma li dawn kienu ordnati u kienu se jsiru aktarx dil-ġimgħa stess.

4.2 Il-Kunsilliera Massa semmiet li kien hemm disabled badge holders parking fi Triq Dun Pawl li kellu jitneħħa.

4.3 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm il-globu ta' fuq nett tal-arbli tal-Knisja ma jixgħelux. Huwa semma li kien hemm il-lampa fi Triq San Ġorġ li ma tixgħelx biex nirraportawha.

4.4 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 4.5 jekk kienx hemm xi żvillupi. Is-Sindku semma li l-ewwel irridu nistennew li jitlesta x-xogħol.

4.5 Il-Kunsilliera Massa saqsiet kif konna se nibqgħu fuq il-bus shelters. Is-Sindku semma li dawn kellhom kawża l-Qorti. Huwa appella lis-Segretarju biex jiktbilhom biex naraw jekk kienx hemm xi progress fuq dan il-każ.

4.6 Il-Kunsillier Caruana semma li l-problema kienet li dawn kienu qed jaqilgħu l-istages u s-sewwieqa ma kinux jkunu jafu fejn iridu jieqfu. Is-Sindku qal li fuq din il-ħaġa kien diġà tkellem mas-Sur. Kevin Zahra. Huwa appella lis-Segretarju biex niktbu lil Kevin Zahra wkoll.

Il-Kunsillier Aquilina daħal fis-17.40 pm.

4.7 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn nibgħatu l-ħaddiema biex inaddfu iċ-Ċimiterju ta' San Tumas.

4.8 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm sign viċin ta' Zneiber li hija faded biex din issir mill-ġdid.

4.9 Il-Kunsillier Aquilina semma li hemm bżonn isir sign li tindika l-karozzi liem naħa iridu jsuqu meta joħorġu minn Ħal Luqa minn naħa ta' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

4.10 Il-Kunsilliera Massa saqsiet fiex kienet waslet il-mera li kellha ssir fi Triq Santa Marija.

4.11 Il-Kunsillier Camilleri semma li kellu jsir disabled parking fi Triq il-Ġdida.

4.12 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm persuna li ssuġġerietlu biex dawk il-karozzi li jkunu jridu jiġu n-naħa t' Eric jidħlu minn naħa ta' Triq Ġanni Vassallo. Is-Sindku semma li b' dan il-mod se jiżdied it-tul u din mhux se tkun prattika.

4.13 Il-Kunsillier Aquilina tkellem fuq l-invit li kellu jirċievi fl-okkażżjoni tal-Premju Żgħażugħ tas-Sena, peress li dan kellu jasalu d-dar. Is-Sindku semma li huwa ma kien irċieva xejn. Il-Kunsillier Aquilina semma li hija kienet ingħatat ċekk biex jintuża għall bżonnijiet tal-Youth Centre. Huwa qal li issa tkun ikkordinata biex isir preżentazzjoni fil-Kunsill.

4.14 Il-Kunsillier Caruana irrefera għall cable imżaqqaq fi Triq il-Ġdida. Is-Segretarju semma li huwa kien diġà rrapporta lil-Awtoritajiet biex minn huwa responsabbli jieħu ħsiebu.

## 5. XOGĦOLIJIET

5.1 Is-Sindku semma li bħalissa f' Ħal Luqa kienu qed isiru diversi xogħolijiet fosthom fuq il-latrina, l-embellishment ta' Triq id-9 t' April, ix-xogħol fi Triq Wied in-Noqor u dak tal-ħitan tas-sejjiegħ f' Garnaw.

5.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa x' kien ser jiġri fuq it-turġien tal-Knisja fuq in-naħa ta' Triq id-9 t' April peress li kien qed isir il-proġet tal-embellishment. Is-Sindku qal li dan it-taraġ se jkun irranġat.

5.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kinitx se titwaqqa l-latrina. Is-Sindku qal li x-xogħol hawnhekk kien ser isir fuq ġewwa u mhux fuq l-istruttura.

5.4 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq il-latrina fil-passat kienet saret requisition order imma ma nafux jekk din eventwalment marritx għand il-Gvern. Is-Segretarju semma li huwa kien iċċekkja mal-avukata tal-Kunsill u anki bagħat formola apposta lill-Lands fuq il-każ biex ikollna l-informazzjoni li għandna bżonn.

## 6. SISTEMA TAL-ISMART PARKING SYSTEM

6.1 Is-Sindku semma li l-ġimgħa l-oħra tkompliet l-installazzjoni tas-sistema tal-ismart parking fejn saru s-sensors kważi kollha ta' Triq Sant' Andrija u twaħħlu żewġ gateways ġodda. Huwa semma li jridu jinġiebu aktar sensors mill-Ġermanja biex jitwaħħlu dawk li nqalgħu.

## 7. ATTIVITA KULTURALI FL-OKKAŻŻJONI TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

7.1 Il-Kunsillier Camilleri semma biex fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa jsiru leaflets fuq il-wirjiet li se jkun hawn Ħal Luqa u anki jkun hemm mixgħela.

7.2 Il-Kunsillier Caruana semma li l-Kappillan se jkellimna minħabba xi No Parking għall purċissjoni tar-Redentur. Is-Sindku qal li mhux problema, meta joqrob iż-żmien inkun nistgħu norganiżżaw anki għar rotta.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

8.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-pagament li kien sar fuq il-vann x' kien jikkonsisti. Is-Segretarju semma li dan kien xogħol ta' darbtejn fuq il-vann, kien hemm Service u tiswija li kienet saret qabel u tħallsu f' daqqa.

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA

9.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha it-Tlieta 18 ta' Frar 2020 fis-6.34 pm. Kien hemm proposta ġurnata fil-bidu ta' Marzu għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |